MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 72** **Tlieta 23 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Joseph Gatt- Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI:**
Dott. Angele Rapa – Kunsillier

**MISTIEDNA:** Accountant Daniel Galea (onlajn)
Avukat Mario Mifsud

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gatt, Camilleri, Farrugia u Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Kunsilliera Gatt, Camilleri, Farrugia u Gauci.

**72.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti numri 69 u 71.**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – 'Byelaw' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nforma li beda jaħdem fuq din il bye-law u kważi lesta, fejn il-ġnien ġie maqsum f'zoni bi prezz f'kull zona, u prezz ieħor għal min jkun jixtieq juża l-ġnien kollu.

Is-Sindku nforma li ser jibgħat *draft* tal-bye-law lil-Kunsilliera biex jarawha, ħalli tkun approvata fil-laqgħa li jmiss.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, l-għada 12 ta' Diċembru 2023 bagħat imejl lis-CEO ta' IM, liema imejl ġiet moqrija lil-membri preżenti, u s-Sindku talab biex tkun iċ-ċirkolata mall-Kunsilliera.

Wara li qara l-imejl, is-Sindku nforma li fit-3 ta' Jannar 2024 kellu laqgħa oħra IM mas-CEO u tekniċi oħra u semmew li għal ftit żmien li fadal biex jibda l-proġett ta' Vjal Ragusa mhux ser jnaqqsu l-*crash barriers* anke minħabba l-fatt li hemm *road safety audit* approvat.

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku jekk jistax jġib informazzjoni dwar *time-frames* ta' kemm ser jdumu x-xogħlijiet fi Vjal Ragusa.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**

Is-Sindku nforma li l-kwotazzjoni għax-xogħlijiet li qed jintalbu biex isiru mill-Enemalta, hija madwar €350,000, u għaddiet lil-Enemalta biex jikkonsidraw din it-talba u fl-affermattiv jagħmlu l-proċess tal-*procurement.*

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*works order* kienet ħarġet lil-perit tal-Kunsill biex jagħmel il-pjanti, BOQ u jsir is-*survey* għal proġett ambjentali, u għalhekk ser tibgħat tfakkira. Dan biex jsir restawr fuq il-ġiebja biex tinħoloq *Belevedere* li tinsab ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta minflok jintużaw fuq CCTV kameras. Il-kameras tal-pjazza issa ser jiġu provduti mir-Reġjun.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li llum ċempel l-avukat fejn informa li lesta l-abbozz, u kif l-avukat jibgħatha, tintbagħat lil-Avukata tad-DLG għal approvazzjoni.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**

Is-Sindku nforma li issa li ġbarna l-maġġoranza tad-dettalji tal-bejjiegħa, iridu naraw il-*way forward* qabel ma ssir laqgħa ma tal-monti. Il-Kunsillier Cassar nforma li fil-passat fiż-żmien is-Sindku Shirley Farrugia, kien sar eżerċizzju mil-perit tal-Kunsill biex jaraw jekk il-bejjiegħa tal-monti joqgħodux fi triq Patri Avertan Fenech, fejn ir-riżultat kien wieħed negattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tfakkar lil-perit tal-Kunsill għal pjanti.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jiġu evalwati l-applikazzjonijiet li rċevejna, u wara tinftiehem data bejn il-bord biex jsiru l-*interviews.*

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**

Is-Sindku nforma li trid tissejjaħ laqgħa biex jkollna *co-financing*, tal-proġett Project Green.

Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk trejqet il-Ħanqa hux ser tingħalaq, fejn is-Sindku nforma li skont il-proġett ta' Project Green, iva ser tingħalaq, però hija soluzzjoni wkoll li meta triq il-Kungress

Ewkaristiku tingħalaq fil-*weekends,* kif ukoll meta maqbul fil-Kunsill inkluż attivitajiet oħra fil-pjazza*,* trejqet il-Ħanqa tista' tinfetaħ. B'hekk jonqos l-inkonvenjent.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li l-*pelican crossings* waslu issa, però għad jrid jiltaqà biex jara min fejn ser jittieħed is-*supply* ta' l-elettriku.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Rigward monument fuq ir-*roundabout* tal-LIDL, is-Sindku nforma li għad jrid jgħaddi l-kriterji lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinħareġ espressjoni ta' interess lil-artisti. Liema kriterji ġew maqbula bejn il-membri tal-Kunsill (referenza laqgħa 71) hekk kif ġej:

- l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta,
- l-monument jkun jista' jinqala,
- sejħa toħroġ għal artisti Mostin,
- jkun hemm il-prezz ta' kemm jiġi jiswa u nstallat,
- l-Kunsill ma jkunx marbut b'terminu,
- d-disinn ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor mill-artist.

Rigward il-monument tal-pont, is-Sindku nforma li din ħa tkun sejħa miftuħa għal kulħadd u mhux għall-artisti Mostin biss, u nforma li qed jistenna mil-Profs. Cassar biex jerġa' jiltaqà l-kumitat.

Dwar l-Obelisk, is-Sindku ser jitkellem fuqu aktar tard.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee,* kif wkoll hemm proprjetajiet ġodda fejn ma hemmx isem tat-triq.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li bħalissa qed jiġu *drafted* tenders ġodda, fejn fil-ġranet li ġejjien ser jintbagħatu lil-Kunsilliera għal-*feedback.* Rigward it-tender tal-knis, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala allokazzjoni għal-2024 hija ta' ftit anqas min €190,000 inkluż VAT, fejn ftit ilu kellha laqgħa mal-konsulent, u biex ma jkunx hemm prekarjat, ġie kkalkulat li l-Kunsill jrid jkollu 9 kenniesa, fejn ġie deċiż li l-ammont ta' kenniesa jista' jitla' għal mhux inqas min 10.

Saret diskussjoni dwar jekk dan it-tender jistax joħroġ mingħajr l-ammont ta' impjegati, fejn iva jrid jkun hemm xi forma ta' direzzjoni lil-*bidders*, mod speċjalment minħabba l-abbuż tal-prekarjat u eventwalment l-kwalità tas-servizz.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Dwar ir-restawr ta' l-istatwi tal-bronż ta' EB Vella u Dun Anġ Camilleri, is-Sindku nforma li huwa tkellem mall-artist Chris Ebejer u dan ser jibgħat kwotazzjoni.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Sindku talab biex dawn jkunu evalwati min *traffic management committee*, fejn il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex jmexxi. Is-Sindku nforma li hemm żewġ *locations* li ma jagħmlux sens.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**
Il-Kunsillier Cassar reġa' fakkar lis-Sindku biex jibgħat il-minuti tal-laqgħa li saret ma l-SME's.

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li din l-iskema għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Il-Kunsilliera Cassar nforma lis-Sindku li s-siġra tal-Ballut li nżeret fejn iz-zuntier ma kienitx fuq il-pjanta, għax hemmhekk hemm arblu tal-armar, u issa minħabba f'hekk il-bandiera ser taħbat mas-siġra tal-ballut, fejn il-Kunsilliera Bonnici kkonfermat wkoll li x'taqet issaqsi dwarha. Is-Sindku nforma li hemm biswit iz-zuntier instabet fossa fonda mhux aktar użabli, u għalhekk kien idejali li flok tintradam tintuża bħala *planter*. Oriġinarjament setgħat tħawlet siġra tip ieħor, imma issa la ġa la darba għandna dawn it-12 il-siġra tal-Ballut, li kienu pjanati jitħawwlu flok dawk tal-ficus, u kif kulħadd jaf x'ġara ma seħħx hekk, allura issa iridu nsibu postijiet fejn dawn it-12 il-siġra tal-ballut jitħawwlu fil-madwar tal-pjazza kif maqbul. Għalhekk sa issa tħawlet waħda fi triq il-Kbira quddiem *City Bar*, din li qed nitkellmu fuqha biswit iz-zuntier, u 4 oħra ser jitħawwlu biswit iċ-ċentru ċiviku fejn kien hemm il-latrina pubblika għax hemm ħafna fond ta' art u ħamrija u għalhekk huwa idejali. B'hekk ser nkunu ħawwilna 6 fl-art u fadal 6 fil-*pots* biex nużawhom.

Rigward il-bandiera li semma l-kunsillier Cassar, is-Sindku stqarr li l-Grupp Armar dejjem jistgħu jestendu l-arblu, kif ukoll is-sigra tal-ballut tista' tigi kkontrollata bi żbir addattat. B'hekk, il-bandiera ma taħbatx mas-sigra tal-ballut.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex id-*draft agreement*, fejn fakkar li talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena ta' l-2024 tkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025. Il-kuntrattur għandu jibgħat *draft agreement*, biex naraw x'ikun inkluż f'dan il-ftehim, naqblu fuqu u jiġi iffirmat.

**REF: 66.4.3 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li qabel ma jkollu ir-rapport tal-ħidma tas-Sindku, ma jistax javża lil min diġà kiteb biex jirrevedu l-artikli tagħhom.

**REF: 66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li għal festin tal-Milied attendew 147, u nforma li kieku konna nafu kemm kien hemm siġġijiet fis-sala, kien jista' jieħu aktar *bookings.*
Il-ħarġa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis li ġej, 25 ta' Jannar, ġewwa Forti Sant' Iermu, fejn ser jkun hemm attendenza ta' 80 ruħ.

**REF: 69.3.1 Riżenja ta' Impjegata u Permess ta' Impjieg**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avviż ta' impjieg skala 11, għalqet illum.

**REF: 69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb**
Is-Sindku nforma biex il-ktieb kommemorattiv ta' l-iskejjel jsirlu l-*proof reading,* u staqsa min ser jieħu ħsieb. Il-Kunsilliera Deguara u Borg ikkonfermaw li ser jieħdu ħsieb huma. Dan il-ktieb ser jiswa €720, ser jsiru 1200 kopja u ser jkun fih 32 paġna.

Dwar il-plakka kif ġie spjegat fl-aħħar laqgħa, din ma tistax issir mil-Kunsill, imma ser jieħu ħsieba is-Sindku personalment.

**REF: 67.4.12 Baġit**

Is-Sindku nforma li rċevejna risposta dwar jekk ir-rendikont tad-DPF, huwiex 100% jew it-80%. Is-Sindku kkonferma li r-rendikont ta' l-ammont ta' flus li nirċievu huwa 80% li jista' jagħmel użu minnhom il-Kunsill, għalhekk is-somma ta' NGO's tkun diġà mwarrba. L-ammont li jinfurmawna bih l-Awtorità tal-Ippjanar huwa l-ammont intier li jista' jintuża mill-Kunsill. Dan ġie kkonfermat f'imejl mibgħuta mis-Sur Enzo Cachia, PA, fit-2 ta' Jannar 2024.

Ġie kkonfermat ukoll li l-ammont tad-DPF sal-bidu ta' Ottubru 2023 kien ta' €1,693,285.70 fejn minn dan l-ammont ġiet imwarrba s-somma mitluba mill-Kunsill għall-proġett tal-pavimentar tal-pjazza (GS/50015/2023), din it-talba trid tiġi approvata u l-kuntratt iffirmat, liema somma tammonta għal €864,047.75.

Jekk taqta' l-proġett tal-pavimentar tal-pjazza, l-ammont ta' DPF sal-bidu ta' Ottubru 2023 huwa ta' €829,237.95, mil liema somma diġà hemm kuntratti ta' proġetti ffirmati u kommessi li jsiru mill-Kunsill.

**REF: 67.3.6 Attività tal-Milied f'Diċembru**

Is-Sindku nforma li din l-attività li saret fil 15 ta' Diċembru ġiet ibbaġitjata fuq €15,000 u mhux fuq €20,000. Is-Sindku naqqas din iċ-ċifra minħabba li ġejna mogħtija €15,000 u mhux aktar kif kien oriġinalment mitlub. Il-Kunsillier Cassar talab biex jintbagħat rendikont tal-attività lil-Kunsilliera.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**

Is-Sindku nforma huwa bagħat imejl il-Ministru responsabbli Aaron Farrugia rigward servizz pubbliku mhux adegwat fil-Mosta hekk kif irriżulta min diversi lmenti tar-residenti. Fit-12 ta' Diċembru 2023 saret laqgħa l-Ministeru fejn kien hemm preżenti s-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill, kif ukoll s-Sur Ivan Pierre Vella, l-konsulent is-Sur John Joseph Grech u s-sinjura Catherine Camilleri f'isem il-Ministeru u l-Awtorità għas-servizz pubbliku.

Is-Sindku stqarr li huma ħafna r-residenti li qed jitolbu lura venda fil-pjazza tal-Mosta, kif kellna fl-antik, cioe venda bil-karozza tal-linja numru 53. Is-Sindku stqarr li anke l-Kunsill huwa tal-istess opinjoni u qed jitlob f'isem ir-residenti li tirritorna venda l-Mosta. Il-Mosta llum hija t-tieni l-akbar belt b'popolazzjoni ta' madwar 25,000 ruħ.

Is-Sindku stqarr li l-karozzi tal-linja li qed jinżlu min triq Kostituzzjoni lejn il-pjazza qed ikunu kollha mimlija fil-*peak time*s u għalhekk l-istennija mill-pubbliku li jrid juża' s-servizz tkun twila ħafna b'tali mod u manjiera li s-servizz ma jibqax effiċjenti u użabbli mir-residenti, meta dan mhux dak mistenni. Is-servizz irid ikun wieħed effiċjenti biex aktar residenti jużaw trasport pubbliku effiċjenti u jkun hawn anqas karozzi fit-toroq. Dak hu l-iskop.
Is-Sur Ivan Pierre Vella stqarr li l-awtorità m'hijiex favur aktar vened fil-lokalitajiet għax inkella jinħoloq preċedent fuq rħula oħra, u jkun hemm aktar talbiet ta' vened jekk dan iseħħ.
L-Awtorità qed tara bħala soluzzjoni li fil-*peak times* tiżdied il-frekwenza tal-karozza numru 47 li titlaq minn Santa Margerita, biex dawk li jkunu qed jistennew fi triq Il-Kostituzzjoni, jkollhom aktar ċans jirkbu.

Is-Sur Vella stqarr li madankollu l-ewwel l-awtorità ser t'ikkummissjona *survey,* biex jaraw kemm jkun hemm nies fuq li *stages*, il-ħinijiet u tiġi studjata soluzzjoni. Madankollu dan is-*survey* jista' biss isir meta tinfetaħ il-pjazza tal-Mosta totali.

Is-Sindku f'din il-laqgħa semma wkoll it-talba tar-residenti li fi Vjal Indipendenza, speċjalment lejn il-Blata l-Għolja ma hemmx tal-linja li tmur lejn San Pawl il-Baħar jew il-Mellieħa. Is-Sur Vella qal li dan jafu bih u ser jaraw jistax jiġi ntrodott dan is-servizz peress li jiddependi mill-ispiża.

Il-laqgħa ntemmet billi l-membri f'isem l-Awtorità u l-Ministeru ddikjaraw li ser jistudjaw dawn it-talbiet u jiġu lura lejn il-Kunsill bi proposti.

**REF: 67.4.8 Bollards Quddiem is-City**

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-boċċi tal-qawwi saru fuq bankina biex ma jintlaqtux, u għalhekk huwa saqsa jekk dawk li hemm fil-pjazza hux ser isir bl-istess mod biex ma jintlaqtux?

Is-Sindku nforma li saret il-bankina quddiem *City* mhux biex ma jintlaqtux il-boċċi tal-qawwi*,* iżda minħabba li diversi vetturi kienu qed jinżlu minn triq San Ġwann u flok iduru minn wara City, jibqgħu neżlin *one way* abbużivament u jiksru b'periklu kbir lejn triq Tabib Chetcuti. Bl-introduzzjoni ta' din il-bankina 'l barra, huwa diffiċli ferm li karozzi jagħmlu din il-manuvra u b'hekk jinqata dan l-abbuż.

Bis-saħħa ta' din il-bankina, li saret bil-kurduna tal-lava u pavimentar tal-porfido, fl-istess ħin issebbħet iż-żona u tħawlet ukoll siġra tal-ballut, filwaqt li l-boċċi tal-qawwi issa ġew fuq il-bankina.

Fil-każ tal-pjazza mhux ser isir hekk, għax dawk il-boċċi tal-qawwi qegħdin bejn il-karreġġati tal-karozzi u ma hemmx bankina jew *central strip* għax il-pjazza hija kollha livell wieħed.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus u toroq tal-madwar (Torri, Xorxa, parti minn Cassar, Ċejlu Tonna u Mitħna l-Qadima kif ukoll pjazza Mitħna)**

Is-Sindku nforma li beda x-xogħol u s-sistema l-ġdida tal-mejnijiet ta' l-ilma kważi lesta, fejn dawn il-mejnijiet saru kollha *dual* jiġifieri fuq iż-żewġ naħat tat-triq taħt il-bankini, minħabba l-fatt li jekk jmur xi mejn, ix-xogħol jsir fil-ġenb tat-triq u possibbilment ma jkunx affettwat l-asfalt. Wara li jitlestew il-mejnijiet tal-ilma l-ġodda u jitqabbdu s-servizzi tad-djar, jinbeda x-xogħol fuq is-sistema l-ġdida tad-drenaġġ.

Huwa delikat ħafna meta ser issir ir-rikostruzzjoni ta' triq it-Torri minħabba l-fatt li hija triq użabbli għall-iskola primarja kif ukoll hija parti mit-triq tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**REF: 71.3.1 Contracts Manager**

Is-Sindku nforma li peress li ma hemmx fondi biżżejjed, għalissa mhux ser jkun impjegat Contracts Manager.

**REF: 71.3.2 Jupiter Roundabout**

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Segretarju Eżekuttiv li tkun *minuted* li kif qal is-Sindku fl-aħħar laqgħa, il-kommunikazzjoni tiegħu mas-CEO ta' IM qiegħda ixxerjata mas-Sindku. Is-Sindku nforma li ma għandu l-ebda kopji ta' korrispondenza kif qed jgħid il-kunsillier Cassar. Is-Sindku ċaħad u qal li kien jaf li tkellem mas-CEO pero ma għandu l-ebda kopji ta' tali korrispondenza. Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza min IM fejn dawn ser jħallsu sa massimu ta' €50,000 biex isir l-istatwa ta' Santa Marija, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċirkola l-imejl mal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk jkun hemm xi *extras* min ser jħallashom? Is-Sindku nforma li l-każin Santa Marija irid iħallas kull somma li teċċedi dan il-valur. Il-Kunsill

ma hu se jħallas xejn. Ir-rwol tal-Kunsill ser jkun biss intermedjarju fejn jidħlu pagamenti, bejn IM u l-każin ta' Santa Marija. Fejn il-każin jgħaddi l-*invoices* lil-Kunsill, l-Kunsill jgħaddi l-*invoices* lil-IM, kif IM jgħaddi l-flus l-Kunsill, l-Kunsill jgħaddi l-flus lil-każin.
Il-Kunsillier Cassar talab biex nitolbu lid-DLG, jekk hux permissibbli u legali, li l-Kunsill jkun intermedjarju, biex jgħaddi l-flus min IM għal-każin Santa Marija.

Fis-7:30pm daħal għal laqgħa l-avukat tal-Kunsill, Dott. Mifsud, għalhekk saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu l-*items* REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA, REF: 69.5.3 Management Letter / Reply to Management Letter, 72.5.9 Kawża Lampa fi triq Cejlu Tonna, u 72.5.10 Kawża GO plc vs Kunsill Lokali.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
L-Avukat tal-Kunsill nforma li l-arbitraġġ huwa miftuħ, u qiegħed sinedija, għax il-PAMA għadhom qed jinsistu li fuq il-ġibjun ma jsirx xejn minħabba d-dubju tas-saqaf, u lesti li jaħdmu mall-Kunsill fuq proġett ieħor. L-avukat tal-Kunsill nforma li t-talba li saret hija l-ammont dovut skont il-kuntratt flimkien ma l-imgħaxijiet.

Saret diskussjoni bejn l-Avukat tal-Kunsill u l-Kunsilliera, fejn il-Sindku nforma li kieku għalih jsir proġett x'imkien ieħor, flok fil-ġnien fuq il-ġibjun, biex ma jibqax jkompli jgħaddi z-żmien.
Il-Kunsillier Cassar nforma li fil-laqgħa mall-PAMA, li kien attenda miegħu s-Sindku, l-PAMA ma riedux jagħmlu proġett x'imkien ieħor, la riedu jibdlu l-perit, u l-anqas riedu jagħtu l-flus lil-Kunsill, issa l-PAMA biddel fehmtu u lest li jinvesti l-flus fuq proġett ieħor. Il-PAMA ilhom li bagħtu din il-proposta xhur u qed jistennew lura mingħand il-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu li nistennew ftit ieħor sakemm il-Public Works jinvestigaw is-saqaf, xi stima hemm, u jekk hux ser joffru xi tip ta' *committment* dwar is-saqaf.

**REF: 69.5.3 Management Letter / Reply to Management Letter**
L-Avukat tal-Kunsill nforma li r-*refundable deposits*, ma hemmx terminu ta' preskrizzjoni li dawn jistgħu jiskadu, għalhekk ntbagħtu bosta ittri reġistrati ta' *refundable deposits* ta' xogħlijiet li saru bejn l-2007 u l-2021, biex min għandu x-xogħlijiet lesti u ma nformax l-Kunsill, jġib l-irċevuta oriġinali u jipprovdi prova li ma saritx ħsara fejn sar ix-xogħol biex wieħed jkun jista' jieħu d-depożitu lura. Fl-ittra datata 20 ta' Jannar 2024, hemm stipulat illi tali avviż huwa l-aħħar avviż u mit-2 ta' Frar 2024, tali garanziji jiġi nulli u s-somma ddepożitata tgħaddi favur il-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet lid-DLG dwar din il-materja, biex fit-*terms and conditions* tal-permessi jkun hemm data ta' terminu ta' preskrizzjoni, u li wieħed jkollu opportunità li jġedded id-depożitu marbut max-xogħlijiet jekk ix-xogħlijiet ma jkunux tlestew fi żmien sentejn, biex b'hekk Il-Kunsilli ma jispiċċawx bi flus il-bank, liema flus jkunu ilhom hemm madwar 15 il-sena jew aktar, kif aħna għanda bħalissa b'uħud mir-*refundable deposits.*

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li proġetti ta' toroq sqaq Xorxa, sqaq San Anton Abbati, Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo ser jkunu diskussi waqt ir-rapport tal-baġit 2024.

Fis-8:10pm daħal għal laqgħa l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea, għalhekk saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jkun diskuss l-*item* 72.5.2 Baġit Annwali 2024.

**REF: 71.3.4 Allokazzjoni**
Is-Sindku fakkar lil membri preżenti li kien bagħat imejl lid-DLG, il-Prim Ministru u l-Perm Sec. fejn spjega li l-allokazzjoni tal-Kunsill mhux biżżejjed u talab għajnuna biex tiżdied l-allokazzjoni;

- Manutenzjoni Ġnien l-Għarusa tal-Mosta;
- Manutenzjoni *landscaping* pjazza;
- Manutenzjoni pavimentar pjazza;
- 10% tal-proġett ta' Project Green;
- Spejjez tal-perit ta' Project Green;

Rċevejna risposta fejn l-allokazzjoni tinħadem b'formula, u l-allokazzjoni ma tistax tiżdied sakemm ma tinbidilx il-formula, u jekk hemm xi proġetti proposti, il-flus jridu jiġu min skemi. Fil fratemp, qed jsir eżerċizzju biex tinbidel il-formula ta' kif tinħadem l-allokazzjoni lil-Kunsilli, fejn ser tagħti aktar flus lil-Kunsilli. Jista' jkun li din id-differenza fl-allokazzjoni tasal f'nofs is-sena wara li tinbidel din il-formula.

Fis-8:50pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jkun diskuss l-*item* 72.5.4 Traffic Management.

**REF: 71.3.6 Street Furniture**
Il-Kunsillier Zerafa talab lis-Sindku biex jsiru *bicycle racks,* u ser jipprovdi lis-Sindku postijiet fejn dawn jistgħu jsiru.

Is-Sindku nforma li għamel laqgħa mal-kuntrattur tal-*bus stop* li hemm fil-pjazza, fejn dan kellu kuntratt li jista' jirreklama għal-10 snin. Il-kuntratt sar fl-2006, u għalaq fl-2016, fejn eventwalment bagħat ittra biex jġedded u issa jagħlaq fl-2026.

Fil-laqgħa s-Sindku nforma lil-kuntrattur li l-*bus stop* għandu bżonn manutenzjoni, liema kuntrattur kien fl-obbligu li jagħmel u qatt ma għamel. Il-kuntrattur lest li jagħmel il-manutenzjoni, basta l-Kunsill jġedded il-kuntratt u lest li jagħti lil kunsill żewġ *windows* għal reklamar.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li l-kuntratt jkun mġedded sa l-2029.

**REF: 71.5.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku qasam mal-membri preżenti pjanta tax-xogħol li qed jsir mil-Enemalta, u spjega x-xogħol li diġà beda. Il-pjanta qed tiġi annessa bħala *Appendiċi C*, u x-xogħol jinvolvi *upgrade* fid-distribuzzjoni tad-dawl, liema xogħol jrid jkun lest sa Ġunju 2024.
Is-Sindku nforma li għandu laqgħa nhar il-Ġimgħa fil 11:30am, u stieden lil membri preżenti biex min jixtieq jista' jattendi miegħu.

Fid-9:20pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jiġu diskussi l-*items* 72.5 Rapporti, ħlief *item* 72.5.4 Traffic Management liema materja diġà ġiet diskussa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 69 u 71.

Fid-9:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tkun diskussa l-*item* 72.5.7 Attività' tal-Karnival

**72.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**72.3.1 SPI/SCI/06/2023 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'- Tagħlaq Il-Ġimgħa 26 ta Jannar 2024.**

Il-Kunsillier Borg nforma li applika għal Korsijiet Lifelong Learning.

**72.3.2 SPI/SCI/01/2024 - Skemi dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storiċi f'Malta-Tagħlaq il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2024.**

Dwar din l-iskema l-membri preżenti qablu li tintbagħat ittra lil-arċipriet biex jaraw liema huma l-postijiet storiċi ta' prijorità, li għandhom bżonn restawr. Is-Sindku qed jipproponi r-restawr tal-kappella ta' San Silvestru minħabba l-fatt li huwa ġie mitlub jmur jara d-diversi ħsarat strutturali li ġarrbet din il-kappella.

**72.3.3 Talba ta' Impjegat minn Notch 3 għal Notch 4**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Sa. Fenech għalqet sena u għalhekk jmissha titlà *notch*, mis-16 ta' Jannar 2024.

Il-membri preżenti approvaw it-talba tas-Sa. Fenech biex min skala biex titlà *notch* 4.

**72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**72.4.1 Snooker Event**

Il-Kunsillier Zerafa nforma li ser jsir *snooker event* bla ħlas flimkien mal-Junior Snooker Academy, nhar is-17 u 24 ta' Frar u nhar it-2 u 9 ta' Marzu.

**72.4.2 Zebra Crossing fi Vjal Indipendenza**

Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk hux possibbli li Vjal Indipendenza, int u ħiereġ mil-Blata l-Għolja issir *zebra crossing.* Is-Sindku nforma li ser jkellem lil Infrastructure Malta.

**72.4.3 MoU Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina Żokkrija.**

Il-Kunsillier Borg nforma, li rċieva lura mid-dipartiment fejn bidlu l-MoU min dak li kien preżentat oriġinarjament lil Kunsill, fejn il-bidliet mhux aċċettabbli, għax min €200 issa qed jitolbu €2000 fis-sena, u talbu biex jkun hemm *security* mal-parkeġġ kif wkoll jkunu installati CCTV Kameras. L-MoU ser jkun iċċirkolat mal-Kunsilliera.

**72.5 Rapporti**

**72.5.1 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati**

Il-membri preżenti approvaw il-*performance bonus* ta' 6% għal-impjegati Sa. Ebejer, Sur. Debono, Sa. Polidano, Sa. Fenech, Sa. Galea, Sa. Zammit Tabone, Sa. Micallef Camilleri, u Sa. Calleja. Kif wkoll 6% lis-Sa. Abela (Animal Welfare Officer) u s-Sur Matthew Spiteri (CIES). Filwaqt li 3% għas Sa. Gatt u Sa. Chetcuti li huma mpjegati ġodda. Dwar il- *performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv il-membri preżenti approvaw 9%.

**72.5.2 Baġit Annwali 2024**

Is-Sindku ppreżenta żewġ rapporti lil membri preżenti tal-baġit 2024.

L-ewwel verżjoni hija l-verżjoni li ħdimna fuqha. Wara sirna nafu li r-reġjun tramuntana għamel żball fl-*invoicing* ta' l-iskart organiku mal-Kunsilli kollha li jaqaw taħt il-kappa tar-reġjun tramuntana, fejn il-kunsilli jridu jirrifondu lura l-ħlas ta' l-iskart organiku, u s-somma tagħna hija li rridu nirrifondu lura €62,652.54c, tal-ħlas li sar lilna minn Jannar sa Marzu 2023 u għalhekk kellna nibdlu l-figuri tal-baġit 2024. Apparti dawn hemm €155,000 li għalkemm għadna ma tħallasnhiex, fl-accounts imdaħħlin li għandhom jidħlu għal-perjodu April sa Diċembru 2023. B'kollox dan l-ammont globali ta' madwar €217,000 li kien maħsub li se jkun

dħul għall-Kunsill u issa ġejna nfurmati, wara sena mir-Reġjun Tramuntana li dan kien żball u qatt ma kellu jitħallas, anzi iridu nirrifondu l=ħlas li sar sa Marzu 2023.

Il-Kunsill kien ser jagħlaq is-sena b'FSI ta' 12%, imma minħabba din l-*issue* l-FSI inbidel għal *minus* 5%, u għalhekk kellu jinbidel il-baġit 2024, fejn il-Kunsilliera ngħataw it-tieni verżjoni finali tal-baġit 2024, li ser jkun spjegat mil-accountant tal-Kunsill.
Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma tantx jista' jagħmel xogħol ġdid għas-sena 2024 ħlief dak li hu *committed* u huwa proġettat li s-sena 2024 ser nagħlquwa b'FSI ta' *minus* 18%.

L-accountant tal-Kunsill ikkonferma li dak li spjega s-Sindku hija s-sitwazzjoni li ninsabu fiha, u beda jispjega l-baġit finali għas-sena 2024.

| | |
|---|---|
| Paġna 4 | - Statement of Income and Expenditure, hemm dħul u ħruġ ta' natura rikorrenti, fejn fl-2023 ser nkunu qed nagħlqu s-sena b'*deficit* ta' €232,398, għax naqqasna l-€240,000 li kien id-dħul li konna qed ndaħħlu mir-reġjun. Filwaqt fl-2024, mxejna fuq l-istess numri ta' l-2023. L-allokazzjoni żdiedet, imma pruvajna nnaqqsu mil-ispejjeż u nagħlqu s-sena 2024 b'*deficit* ta' €90,622 |
| Paġna 7 Note 1 | - Funds Received From Central Government fejn l-allokazzjoni żdiedet b'€160,860. Bħala dħul ieħor bqajna l-istess ma l-*actual* ta' l-2023, imma ovvjament hemm qabża l-isfel fid-dħul tar-reġjun minħabba l-ġbir ta' l-*organic* kif ġie spjegat ftit qabel, u għalhekk it-total tad-dħul ser jkun €1,866,808.<br><br>Bħala spejjez ta' pagi qed nikkalkulaw €392,415.<br><br>Spejjez ta' Operations And Maintenance bħala total prattikament bqajna l-istess bħas-sena 2023. L-akbar ammonti li ser jvarjaw huma tat-*tipping fees* għax l-borża s-sewda ser t'għola, u eventwalment ser terġa t'għola. Għalhekk kellna nnaqqsu lis-spejjez mir-Repairs And Upkeep, minħabba li diġà saru bosta toroq ġodda.<br><br>Bħala spejjez amministrattivi hawn wkoll bqajna l-istess, u s-sitwazzjoni totali hija li ser nippruvaw nagħlqu b'*deficit* ta' €90,622, li jiddependi kemm il-pubbliku ser jarmu mil-boroż is-suwed, għax aktar ma jinġabar tunellaġġ ta' boroż suwed, il-Kunsill aktar jħallas. Fl-2023 kien hemm 5,000 tunellata. |

Din hija s-sitwazzjoni rikorrenti, u bħala s-sitwazzjoni akkumulata ħa nkunu qed naraw sitwazzjoni ta' FSI *minus* 5% fl-2023 (*estimated*), filwaqt fl-2024 is-sitwazzjoni ser tkun ta' FSI *minus* 18%.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar in-nota f'paġna 3, fejn hemm kumment li ser jsiru biss sqaq Xorxa u sqaq San Anton Abbati. Is-Sindku nforma li meta tkellimna ma l-accountant, dwar il-proġetti tad-DPF, il-Kunsill jrid joħroġ sehmu bħala persentaġġ, u l-accountant ġibed l-attenzjoni li ma hemmx flus biex il-Kunsill joħroġ sehmu għal proġetti kollha li hemm pjanata. Għalhekk, l-accountant talab biex jintgħażlu l-proġetti li hemm bżonn jsiru, u l-oħrajn jkunu posposti. Is-Sindku nforma li ntgħażlu dawk il-proġetti fejn hemm l-affarijiet diġà ordnati, kif ukoll dwar il-proġetti tad-DPF fejn ma jistgħux jsiru kollha kif inhi s-sitwazzjoni.

Fit-8:45pm il-membri preżenti qablu li ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, sad-9:30pm.

**72.5.3 Ġnien Biswit Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku nforma li pprova jsib postijiet alternattivi fejn jistgħu jitħawlu s-siġar tal-ballut, fejn nżergħu erba' fil-parti wara l-monument ta' Freddie Micallef, u żied jgħid li ltaqa mall-iskultur Savio fejn ix-xehda ta' l-għasel ħa tersaq aktar il-ġewwa.

Is-Sindku qassam il-pjanti mall-membri preżenti, li qed jiġu annessa bħala (*Appendiċi E u F)*, biex jispjega fid-dettal, li fejn hemm il-passaġġ li jdaħħlek fejn il-klinika tat-tfal, kif ukoll l-passaġġ biswit il-ġenb tal-posta proposti li jitwessaw, filwaqt li l-passaġġ li hemm wara l-ficus tal-parkeġġ jitneħħa u jikber l-ispazju tal-ħamrija. Is-Sindku kompla jispjega li fejn hemm immarkat bl-aħdar jkun inkorporat monument artistiku, fejn Savio ser jagħtina xi idejat biex huwa jagħmel skultura fil-ġebel fuq talba tas-Sindku. Għal dan il-monument is-Sindku ser jipprova jara jistax isir b'fondi tar-Reġjun, u ma jkunx hemm spejjez għal-Kunsill.
Huwa spjega wkoll li t-*telephone box* ser terġa teħel fejn kienet wara li tkun lesta mir-restawr. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

Rigward il-lapidi li kien hemm fil-pjazza, dawn qed jiġu restawrati min HalMann, u ser jerġgħu jitpoġġew fil-pjazza.

Fid-9:40 il-Kunsillier Cassar talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**72.5.4 Traffic Management**

Is-Sindku nforma li l-ittra lir-residenti ma ntbagħtitx, għax mall-ittra konna qbilna li kellha tintbagħat pjanta li t-*traffic management committee* kien għadu qed jiddiskuti fuq żewġ tibdiliet, li ma kienx hemm qbil u għalhekk l-ittra ma ntbagħtitx. Huwa stqarr li ma kienx ser jimposta ittra bi pjanta mhux maqbula.

Is-Sindku żied jgħid, li min dak in-nhar tal-laqgħa saret l-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi fejn kien hemm bosta lmenti fuq triq San Gwann, għax in-nies li joqgħodu Speranza u Żokkrija, meta jkunu ġejjien min naħa ta' Vjal Indipendenza ma hemm l-ebda *side road* li twasslek lejn triq il-Kbira, ħlief l-unika entratura li jistgħu jgħaddu minna hija triq Kungress Ewkaristiku.
U meta Kungress tkun magħluqa kif maqbul dawn iridu jaċċessaw darhom billi jgħaddu mill-Ħanqa jew minn fuq il-Pont.
Biex jittaffa l-inkonvenjent, triq San Gwann iddur bil-kontra jew tkun *two-way*, li illum il-ġurnata ma tiflaħx tkun *two-way* meta ngħalqu l-pjazza għal-attivitajiet, u allura wieħed jrid joqgħod jibdel it-tabella kull darba ta' triq San Gwann li ovvjament dan huwa inkonvenjent, u għalhekk nstabet soluzzjoni permanenti li talbu bosta residenti, inkluż talba biex issir laqgħa ma Transport Malta u anke mal-Ministeru, biex triq San Gwann tkun direzzjoni kif kienet qabel.
Is-Sindku qasam il-pjanti mal-membri preżenti li qed jiġu annessa bħala *Appendiċi A u B*, u spjega t-8 rotot li jwassluk minn Indipendenza lejn triq il-Kbira kif ukoll fejn hemm it-tibdiliet proposti huma mmarkati bi vleġeġ ħodor.

Triq Kungress Ewkaristiku x'aktarx tinfetaħ il-ġimgħa d-dieħla imma għad jridu jsiru t-tabelli, u hemm bżonn li ssir ittra lir-residenti li ser jkunu affettwati, u għalhekk l-ittra ser issir mil-Kunsilliera Bonnici fejn ser tqassam *draft* mal-Kunsilliera qabel ma tintbagħat l-ittra. Il-membri preżenti qablu biex l-ewwel navżaw mbagħad nimplimentaw ix-xogħlijiet fejn jidħlu żebgħa u tabelli. Il-Kunsilliera qablu li ssir din il-bidla ta' traffiku biex tindirizza din il-problema kif propost.

**72.5.5 Update - Obelisk fil-Pjazza**
Is-Sindku nforma li l-membri tal-Kunsill qablu li l-obelisk jsir, u issa saru t-3D's inkluż il-qisien u l-proporzjonijiet, u għalhekk issa trid tiddaħħal l-applikazzjoni l-Awtorità ta' l-Ippjanar. Is-Sindku qassam mall-membri preżenti t-3D's ta' l-obelisk, li qed jiġi anness bħala Appendiċi D. Il-Kunsillier Cassar nforma li dan il-proġett mhux imdaħħal fil-baġit, u s-Sindku kkonferma li dan jrid jkun iffinanzjat min x'imkien.
Il-membri preżenti qablu biex issir l-applikazzjoni ma l-Awtorità ta' l-Ippjanar biex l-Obelisk isir kif indikat u maqbul anke f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

**72.5.6 Update - Bus Stages Pjazza**
Din l-*update* saret f'*item* REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku.

**72.5.7 Attività Karnival**
Is-Sindku nforma li ressaq proposta fil-laqgħa tar-reġjun biex jgħaddu fond kulturali lil-Kunsilli Lokali, fejn ser jingħadda lil-Kunsilli kollha tar-Reġjun inkluż tal-Mosta s-somma ta' €20,000. Dawn iridu jintużaw sa Novembru 2024. Is-Sindku nforma l-attività tal-karnival għandha ssir minn dawn il-fondi Kulturali. Bħala attività tal-karnival fil-Mosta ser tqum madwar €15,000, u oltre din ikun hemm attività għal-anzjani nhar il-5 ta' Frar fl-10:30am fis-sala, il-baġit huwa ta' €1,000. Fl-attività tad-9 ta' Frar fejn ser jkun hemm karrijiet tradizzjonali, maskaruni, *sound*, spazju għat-tfal biex ikantaw u żeffiena kif u banda bil-kostumi.

**72.5.8 Kanun Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku ssuġġerixxa li dan jitpoġġa fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Dan huwa kanun marittimu li ma għandu l-ebda storja mall-Mosta imma kien ġabu Kunsill preċedenti. Huwa ġust u apprezzat li ġie irranġat però dan ma jmurx fil-pjazza. Il-membri preżenti qablu li dan jitpoġġa fil-ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**72.5.9 Kawża Lampa fi triq Cejlu Tonna**
L-Avukat tal-Kunsill nforma li hemm żewġ kawżi dwar l-istess lampa fi triq Cejlu Tonna, fejn hemm applikazzjoni mis-sid tal-proprjetà, li wara li jlesti il-binja, l-lampa terġa teħel fuq il-post. Din il-lampa weħlet fuq l-appoġġ ta' bejn żewġ residenti b'distanza ta' ftit il-bogħod min fejn kienet qabel minħabba li l-bini għadu qed jinbena u minħabba l-bżonn li teħel bozza minħabba diversi lmenti mir-residenti li hemm id-dlam. La tinbena l-binja hemm qbil ma resident fejn weħlet li din tiċċaqlaq fejn kienet qabel.

**72.5.10 GO plc vs Kunsill Lokali**
L-Avukat tal-Kunsill nforma li hemm kawża mil-GO kontra l-Kunsill dwar ħsarat li saru mil-kuntrattur Elles Urban Services, liema kuntrattur kien ammetta mal-GO plc, li għamel tali ħsara u li ser jħallas.

**72.5.11 LESA Memorandum of Understanding - Surrounding Localities**
Is-Sindku nforma li l-aġenzija LESA għandha bini satellitari fil-lokalitajiet rispettivi, u li jifhmu li permezz tal-operazzjonijiet tagħhom, forsi nħoloq xi inkonvenjent, partikolarment lir-residenti. Għalhekk bħala parti mir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tagħhom, ser jinvestu lura fil-komunità Mostija, fejn ser jagħtu €150,000 fi tlett snien biex jingħataw lil-NGO's Mostin.

**72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**72.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 147.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**72.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**72.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**72.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-listi tal-*petty cash* li jkopru x-xhur ta' Novembru u Diċembru 2023.

**72.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:50pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 19 ta' Frar 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 19 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |